MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2011

Numru. 408/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin Farrugia)**

**vs**

**Johan Portelli**

Kumpilazzjoni Nru: 408/2011

Illum, 6 ta’ Gunju 2011

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Johan Portelli, ta’ 26 sena, bin il-mejjet George u Carmela nee Mangion imwieled Pieta nhar l-4 ta’ Awissu 1984 u residenti 41 Casa Lourdes Triq Tumas Fenech Birkirkara u detentur tal-karta ta’ identita b’numru 366684M.

Akkuzat talli fit-22 ta' Dicembru 2010 minn gewwa l-bini tal-M.U.S.E.U.M. fi Triq il-Vitorja Birkirkara u f'inhawi ohra f'dawn il-gzejjer

1. ikkommetta serq ta' projeta (bambin) a dannu ta' Josephine Farrugia li ghandha numru tal-karta ta' identita 128351(M) u ghas-socjeta tal-M.U.S.E.U.M u terzi persuni ohra liema serq hu kwalifikat bil-mezz bil-valur ta' aktar minn €232.94 fejn il-valur tal-haga misruqa ma kienx izjed minn €2,329.37 u bil-hin;
2. xjentement xtara u/jew laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal sabiex ibiegbhhom jew imexxihom, u cioe bambin li hu gej minn serq aggravat;
3. ghamel hsara volontarja fuq hwejjeg haddiehor liema hsara ma tiskorriex €116.47 imma hija izjed minn €23.29 ghad-dannu ta' Josephine Farrugia li ghandha numru tal-karta ta' identita 128351(M) u ghas-socjeta tal-M.U.S.E.U.M u terzi persuni ohra.

Rat l-artikoli 261(b)(c)(f), 263, 264, 267, 270, 325(1)(c) u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammetta l-ewwel u t-tielet imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat li l-ufficjal prosekutur iddikjara li t-tieni imputazzjoni inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-ewwel u t-tielet imputazzjoni migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi t-tieni imputazzjoni hija alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni li giet ammessa; il-Qorti ghalhekk ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, u l-fedina penali ta'l-imputat li ghalkemm mhiex netta lanqas m'hi allarmanti; hadet in konsiderazzjoni ukoll il-fatt li l-oggett misruq gie ritornat lil sidu u li l-imputat diga ghamel tajjeb ghad-danni sofferti mill-parte civile.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 261(b)(c)(f), 263, 264, 267, 270 u 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-ewwel u t-tielet imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------